DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/112

tal-10 ta' Jannar 2017

li taħtar il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (EUTM RCA/1/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 ħatret lill-Brigadier Ġeneral Eric HAUTECLOQUE-RAYSZ bħala l-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM RCA.

(2) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/610, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandanti sussegwenti ta' Missjonijiet tal-UE.

(3) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li tiġi approvata n-nomina tal-Brigadier Ġeneral Herman RUYS, ippropost mill-Kumitat Komuni tal-Eurocorps, bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM RCA biex jilħaq minflok il-Brigadier Ġeneral Eric HAUTECLOQUE-RAYSZ mis-16 ta' Jannar 2017.

(4) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Herman RUYS huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) mis-16 ta' Jannar 2017.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Jannar 2017.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

([1]) ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21.